MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 4/1994/1

**Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Victor Attard**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Ottubru, 2003 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur nomine talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux ihallas is-somma ta' mitejn u disa' liri maltin u tletin centezmu (Lm209.30c) rapprezentanti danni minnu kagunati fi proprjeta' tal-Korporazzjoni fix-Xewkija Industrial Estate, Ghawdex, fl-20 ta' Mejju, 1992

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, peress illi l-hsara lamentata ma gietx kagunata minhabba xi nuqqas jew traskuragni da parti tal-konvenut, izda minhabba illi l-cable milquta ma kenitx ghaddejja ezattament minn fejn suppost kienet ghaddejja .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attur nomine f’isem il-Korporazzjoni Enemalta qed ifittex li jithallas minghand il-konvenut is-somma specifikata fl-Avviz bhala kumpens ghad-danni allegatament ikkagunati fil-*cables* taghha minn nies imqabbda mill-konvenut waqt illi dawn kienu qed jiskavaw trinka ghad-dranagg ghal wahda mill-fabbriki fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija.

Mill-provi prodotti rrizulta illi meta l-konvenut, li kien il-kuntrattur inkarigat minn dan ix-xoghol ta’ skavar, gie biex jaghmel ix-xoghol mehtieg, huwa nforma lill-korporazzjoni sabiex jindikawlu jekk u fejn kienu ghaddejjin il-*cables* taghhom biex huwa jkun jaf bihom, sew minhabba l-perikolu f’kaz li jolqot xi wiehed minnhom, kif ukoll biex jevita li jikkaguna xi hsara . Il-korporazzjoni, billi ma setghax jigi indikat fil-preciz fejn kienu jinsabu il-*cables* li kellha ghaddejin taht l-art f’dawk l-inhawi, baghtet in-nies taghha sabiex jistabilixxu fuq il-post permezz ta’ strumenti idoneji minn fejn kienu ghaddejin dawn il-*cables* u sabiex tkun certa li ma ssirx hsara, esigiet li jkun prezenti rapprezentant taghha waqt ix-xoghol kollu ta’ l-iskavar . Infatti gie stabilit illi Mario Haber, impjegat bhala Skilled Labourer mal-korporazzjoni kien prezenti dejjem waqt l-iskavar tat-trinka li kellu jaghmel il-konvenut . Kien hu li kien jidderigi lis-sewwieq ta’ l-escavator permezz ta’ sinjali

sa liema fond ghandu jasal fit-tqattiegh, u generalment kien jghidlu biex ma jaqbisx it-tliet piedi .

Gara pero' illi hin minnhom, minkejja illi kien maghruf minn dan l-impjegat ta' l-Enemlata, illi l-*cables* kienu jinsabu x'imkien fl-inhawi ta' *inspection hole* tad-dranagg li kien hemm fl-inhawi, malli x-xoghol ta' l-iskavar qorob din l-*inspection hole* intlaqtu l-*cable*s tal-korporazzoni u garrbu l-hsarat imsemmija fl-Avviz . Irrizulta li dawn il-*cables* kienu qeghdin *at right angles* ghad-direzzjoni li fihom kien qed isir l-iskavar, u Haber kien prezenti dak il-hin ukoll.

Jidher car mid-depozizzjoni ta' Haber stess, kif konfrontata ma' dik tal-persuni l-ohra involuti, u partikolarment ta' Francis Attard, hu l-konvenut li kien qed imexxi x-xoghol u l-impjegati tieghu, illi huma dejjem qaghdu ghall-istruzzjonijiet tar-rapprezentant ta' l-Enemalta waqt il-hinijiet kollha li kienu qeghdin jiskavaw . Dan infatti jamettih l-istess Mario Haber ukoll. Jidher madankollu illi dan Mario Haber, ghalkemm gie mibghut mill-korporazzjoni sabiex jigi assigurat illi ma jintlaqtux il-*cables* taghha, ma kienx jaf ezattament minn fejn kienu ghaddejin . Infatti fuq domandi tal-legali tal-korporazzjoni stess , Haber wera illi hu, ghalkemm kien jaf bejn wiehed u iehor li l-*cables* kienu ghaddejin minn fejn l-*inspection hole* tad-drenagg li kien hemm fl-inhawi, ma kienx jaf fic-cert minn fejn kienu jghaddu ezattament . Enfasizza wkoll il-fatt li ma kienx hu li mar ifittex bl-istrumenti biex jistabilixxi minn fejn kienu ghaddejin, u fil-fatt il-korporazzjoni baghtet lilu appuntu ghax ma setghetx tindika b'mod preciz fejn kienu (ara xhieda in konfront ma' Francis Attard moghtija fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2003) .

Ma jirrizulta ghalhekk illi kien hemm ebda negligenza da parti tal-konvenut jew in-nies minnu imqabbda f'dan ix-xoghol ta' skavar . Huma mexxew dejjem taht id-direzzjoni ta' l-imsemmi Mario Haber li kien ikun kontinwament prezenti waqt ix-xoghol u ma jidher illi ghamlu xejn biex ma joqghodux ghad-direttivi tieghu jew biex jinjoraw l-istess direttivi . Il-fatt illi minkejja din l-attenzjoni kollha, xorta wahda intlaqtu dawn il-*cables,* jista' jigi mputat biss lill-istess korporazzjoni li ma kelliex

informazzjoni preciza dwar fejn kienu ghaddejjin il-*cables* taghha f'dawk l-inhawi . Ghalhekk lanqas l-impjegat li baghtet hija stess fuq il-post sabiex jissorvelja x-xoghol ta' l-iskavar, ma seta' jkun f'posizzjoni jwettaq l-inkarigu tieghu sewwa, ghax ix-xoghol kellu ta' bilfors jitwettaq fil-ghama .

Ghal dawn il-motivi, billi ma rrizultax illi l-hsara kkagunata fil-*cables* tal-korporazzjoni Enemalta fl-incident indikat f'dan l-Avviz tista' b'xi mod tigi mputata ghal xi negligenza da parti tal-konvenut, tiddecidi l-kawza billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur nomine ."

L-attur nomine hassu aggravat b'din id-decizjoni u minnha nterpona appell bl-aggravju uniku illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Huwa donnu jilmenta mill-fatt illi l-Qorti tat wisq affidament lill-konfront bejn ix-xhud ewlieni taghha, Mario Haber, u l-konvenut fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2003 mentri skartat ix-xhieda tal-istess ufficcjal taghha moghtija fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1995 meta allura, skond l-istess appellant, l-incident kien ghadu pjuttost aktar frisk.

Rinfaccjata b'dan l-aggravju din il-Qorti ghaddiet biex tezamina bir-reqqa l-provi kollha prodotti u ssib li assolutament ma tistax tikkondividi l-fehma tal-attur nomine appellant.

Minn dak trapelat mill-istess provi din il-Qorti tissenjala dawn l-aspetti ta' riljiev:-

1. Il-cable intlaqat mill-JCB imhaddem minn Ruben Xerri (fol 63) meta dan kien fl-istess livell ta' tiet piedi minn fejn kien ghaddej il-cable (ara deposizzjoni ta' Mario Haber fol 86). Jigifieri dan il-cable kien proprju fl-istess livell fejn hu kien ikkonsilja lill-konvenut li seta' jhaffer. Fi kliem iehor il-livell tad-drenagg u tal-cable kienu f'livell pari.

2. Ifisser allura illi l-hsara ma gietx ghax thaffer aktar minn tliet piedi.

3. L-imsemmi Mario Haber jistqarr li hu ma kienx jaf precizament fejn kien il-cable ghax fi kliemu “m’inhiex strument” (fol 90) izda ndikalhom bejn wiehed u iehor. Huwa jammetti wkoll illi s-sewwieq tal-JCB kien qed jiskava taht id-direzzjoni tieghu (fol 91).

4. L-istess xhud jaccetta wkoll illi hu gie mibghut mill-Enemalta biex jissorvelja x-xoghol ghax il-Korporazzjoni ma kienetx taf ezatt fejn kien il-cable. Dan allavolja l-jum ta’ qabel intbaghat wiehed bid-detector biex jigi stabbilit fejn kien il-cable.

5. L-ebda marki jew sinjali ma gew denotati fuq il-lant tax-xoghol tal-iskavar. Ara xhieda tal-konvenut (fol 38) u ta’ huh Francis Attard (fol 52 u fol 83). B’danakollu huma jistqarru li segwew l-istruzzjonijiet li nghatawlhom, anke jekk jizmentixxu l-fatt illi Mario Haber kien wissihom biex ma jiskavawx f’fond ta’ aktar minn tliet piedi.

Premessi dawn l-aspetti l-aktar sinjifikattivi tal-provi l-Qorti thoss li ghall-ahjar elucidazzjoni tal-materja ghandha titlaq mill-konsiderazzjonijiet delinejati mill-Qorti ta’ l-Appell, Sede Inferjuri, fis-sentenza taghha tal-31 ta’ Lulju 1996 fil-kawza fl-ismijiet “**Anthony Ventura noe –vs- Raymond Galea et**”:-

1. Ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet hi naxxenti “ex delictu vel quasi delictu”;

2. Id-dmir ta’ min ihaffer tohrog mil-ligijiet tal-Pulizija fil-Kap 10 mir-regolamenti mposti mid-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici (illum l-Awtorita` dwar it-Trasport) fuq min irid jaghmel tahmil, u mir-regoli generali tad-dritt li wiehed m’ghandux jagixxi b’negligenza jew bi traskuragni;

3. Ir-responsabilita` guridika tohrog mill-obbligazzjoni imposta mil-ligi u mir-regolamenti illi wiehed isegwi d-dettal taghhom fir-rigward ta’ kull thaffir.

Dejjem f’din l-istess sentenza gie rimarkat illi l-konvenut seta’ biss jezimi ruhu mir-responsabilita` ghad-danni

konsegwenzjali ghax-xoghol billi ikun ha hsieb jaccerta ruhu illi waqt ix-xoghol kien hemm rapprezentant tal-Korporazzjoni attrici, wara li jkun ottjena l-permess mill-awtoritajiet kompetenti biex isir it-thaffir.

Rikollegati dawn l-osservazzjonijiet ghal kaz in ezami jirrizulta bhala fatt inkontestat illi qabel ma nbdew ix-xoghlijiet fit-triq partikolari fl-Industrial Estate tax-Xewkija l-konvenut kien munit bil-permess relattiv. Dan jistqarru x-xhud Pierre Cauchi, technical officer tal-Korporazzjoni fid-deposizzjoni tieghu a fol 8 u hu evidenzjat mid-dokument esebit a fol 35. Hekk ukoll jirrizulta bhala fatt illi fuq il-lant tax-xoghol kien hemm ir-rapprezentant tal-Korporazzjoni fil-persuna ta' Mario Haber. Kif jinghad minn dan ix-xhud "il-Korporazzjoni Enemalta kienet baghtitni fuq il-lant tax-xoghol biex nara li dan isir u niehu hsieb li dan ma jmissx il-cable" (fol 14).

Stabbiliti dawn l-aspetti kollha tal-vertenza huwa guridikament maghruf illi fonti primarja tar-reponsabilita` civili in materja ta' danni extra-kontrattwali jew akwiljana hi dik il-kondotta karatterizzata minn dolo jew kulpa. Kondotta din li trid tigi valutata mhux biss fuq il-bazi tal-gudizzju "<u>ex post</u>", hekk necessarjament allaccjat mal-verifika tal-event dannuz, izda konsiderat ukoll "<u>ex ante</u>" dejjem riferibilment ghall-istess event. Mill-punto di vista 'ex ante' ma jidherx li l-konvenut f'dan il-kaz ma segwiex id-dettami tal-ligi jew tar-regolamenti li ghalihom irriferiet is-sentenza fuq citata. Huwa applika ghal permess u din l-applikazzjoni giet approvata. Ir-rapprezentant tal-Korporazzjoni kien ukoll in attendenza u prezenti l-hin kollu biex jissorvelja x-xoghlijiet u jassikura adempjenza mad-direttivi tieghu.

Indiskutibilment il-fatt dannuz sehh meta ntlaqat jew inqaras il-cable permezz tal-JCB. Dan wahdu pero` ma jibbastax biex tigi determinata wkoll il-htija fil-konvenut. Dan ghaliex jibqa' dejjem inkombenti fuq l-attur li jallega, "di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa all'altro perche la colpa deve assumare una forma materiale e specifica quando

viene imputata ad altri come causa di danni” (**Kollez Vol XXIV pI p893**).

Ifisser allura illi anke jekk d-dannu gie kawzat bl-operat tal-konvenut jew tal-persuna inkarigata minnu dan ma jfisserx illi d-danneggjant ghandu dejjem jitqies responsabbli. Bhal ma jidher li kien hekk il-kaz in ispecje, meta tigi konsiderata l-imgieba tad-danneggjat, din ukoll tista’ twassal biex tiskagona lid-danneggjant jekk jinstab li dik l-imgieba, fuq ir-rizultanzi fattwali, kienet il-kawza unika, jekk mhux ukoll esklussiva, tal-event dannuz. Imgieba li meta evalwata – nuqqas ta’ indikazzjoni preciza u b’marki appoziti ta’ fejn kien ghaddej il-cable, kombinat ukoll ma’ direttivi inadegwati moghtija minn persuna li hu stess, kif mistqarr, ma kienx jaf bi precizjoni fejn kien il-cable – kienet certament tinnewtralizza l-effikacja kawzali tal-kondotta tal-awtur tal-event dannuz.

Kollox ma’ kollox il-Qorti tara li l-Qorti ta’ l-ewwel grad ghamlet evalwazzjoni korretta tal-provi prodotti u sewwa ikkonkludiet li l-konvenut ma kellux jigi ritenut fi htija.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra l-attur nomine.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------